# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru: 647/94 NA**

**Francis sive Frank Taliana**

**vs**

**Gerald Cassar bhala eredi ta' Carmelo Cassar u Joseph Cassar fil-kwalita' tieghu ta' ezekutur testamentarju ta' Carmelo Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Mejju 1994 fejn ippremetta:

"Illi Carmelo Cassar li jigi z-ziju ta' l-attur miet fid-19 ta' Jannar 1991 - Dokument "A", u fis-17 ta' April 1990 ghamel testment

pubblikat minn Nutar Dottor Victor Bisazza - Dokument "B", li gie modifikat b'testment iehor tad-19 ta' Ottubru 1990 - Dokument "C" pubblikat mill-istess Nutar;

Illi l-attur ippresta servigi favur il-mejjet Carmelo Cassar minn Novembru 1989 sal-gurnata tal-mewt tieghu, billi kien idur bih kontinwament u jaqdih f'kull ma kien jinhtieg;

Illi l-mejjet immanifesta l-intenzjoni li jikkompensa lill-attur, kif jidher mit-testment tieghu tas-17 ta' April 1990;

Illi ftit xhur qabel miet, l-attur u z-ziju tieghu tlewmu, u billi l-mejjet infastidixxa ruhu biddel it-testment;

Illi l-konvenuti huma rispettivament l-eredi u l-ezekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo Cassar;

Illi nonostante interpellazzjoni ufficjali tal-21 ta' Marzu 1994 il-konvenuti baqghu inadempjenti;

TALAB li din il-Qorti, in vista tal-premessi, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata

okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi ghas-servigi minnu prestati favur l-awtur taghhom il-mejjet Carmelo Cassar;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorji pprezentati kontestwalment, ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu 1994 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti in sostenn tat-talbiet tieghu, partikolarment kopja taz-zewg testmenti u li ghalihom hemm riferenza fil-premessi citattivi.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-3 ta' Gunju 1994 fejn eccepew illi:

1. "Preliminarjament, illi wiehed mill-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ghall-attur peress illi huma gew imharrka inutilment flimkien;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi jekk l-attur

irrenda xi servigi dawn kienu minimi u gew kompensati adegwatament mill-mejjet stess;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 1994 din il-Qorti, ukoll diversament presjeduta, innominat lill-Avukat Dottor David Harding bhala Perit Legali.

Il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta fit-3 ta' Lulju 1996. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tal-1 ta' April 1998 u dana wara li l-partijiet kienu pprezentaw noti ta' osservazzjonijiet fis-7 ta' Awissu u 12 ta' Novembru 1996 rispettivament. Il-kawza giet ampjament ittrattata mill-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-1 ta' Lulju 1998 u differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Fl-ewwel lok il-Perit Legali kkonsidra l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti. Gustament irrimarka illi minn nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-istess konvenuti jidher li huma hekk isostnu li l-presenza ta' l-ezekutur testamentarju ma kenitx

necessarja f'din il-kawza. Huwa pero' kkonkluda illi gialadarba b'interpretazzjoni ta' l-Artikolu 771 (1) tal-Kodici Civili l-ezekutur testamentarju kien responsabbli biex ihallas id-dejn ta' l-eredita', in vista ta' dan id-dover tieghu huwa ma kienx gie imharrek inutilment u ghalhekk din l-eccezzjoni ma kellhiex tigi accettata.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja illi din il-parti tar-rapport peritali giet imsemmija fit-trattazzjoni finali tal-kawza li saret dan l-argument ma giex serjament dibattut. Il-Qorti hija konxja mill-gurisprudenza fil-materja li hija fis-sens li ma hemmx in-necessita' li f'kawza ta' din in-natura jitharrek ukoll l-ezekutur testamentarju. Dan pero' mhuwiex ezattament il-punt in kwistjoni peress illi s-sentenzi li gew ezaminati minn din il-Qorti ttrattaw in-nullita' ta' l-azzjoni f'kazijiet fejn il-wirt ma kienx gudizjalment rapprezentat mill-istess ezekutur. Mill-banda l-ohra l-provvedimenti tal-Kodici Civili, kuntrarjament ghal-kazijiet ohra fejn jittratta amministraturi ohra, li jirrigwardaw din il-materja (l-Artikolu 762 sa 778) ma jindikawx proprjament dak li huma l-funzjonijiet ta' l-ezekuturi testamentarji fi proceduri gudizzjarji. Il-Qorti pero' hija sodisfatta sal-punt rikjest f'kawza

civili bl-interpretazzjoni legali moghtija mill-Perit Legali ta' l-Artikolu 771 (1) li, kunsidrat ma' Artikoli ohra, jwassluha biex tadotta din l-interpretazzjoni u ghalhekk tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:-

Fil-meritu l-Perit Legali wara li ezamina l-provi mressqa w applika l-istess ghall-punti ta' dritt involuti f'din il-kawza deherlu illi meta l-attur mar ighix mal-mejjet kien hemm ftehim espress li kien sejjer jigi kkompensat talli jdur bih u li dan ma kienx qed jaghmlu minhabba r-rabta tad-demm. Huwa kien ta' l-opinjoni wkoll illi dan il-kumpens ma kellux jikkonsisti biss billi l-attur ma jhallasx kera talli jghix fid-dar mal-mejjet.

Gialdarba gie stabbilit illi kumpens kien dovut lill-attur talli dar bil-konvenut ghal certu zmien sakemm infatti miet Carmelo Cassar, il-Perit ghadda biex jillikwida l-*quantum* tal-kumpens. Biex jasal ghal din il-likwidazzjoni l-Perit Legali deherlu illi kellu jikkonsidra zewg perjodi differenti u cioe' z-zmien qabel ma Carmelo Cassar xtara l-karozza Subaru w il-perjodu minn dak in-nhar sa meta miet. Huwa stabilixxa dawn iz-zewg perjodi rispettivament bejn l-4 ta' Dicembru 1989 u l-20 ta'

Mejju 1990 u bejn l-20 ta' Mejju 1990 sad-19 ta' Jannar 1991. Minkejja illi jghid illi dawn il-perjodi gew minnu stabbiliti *arbitrio boni viri*, effettivament wasal ghalihom wara ezamina tax-xhieda moghtija u cirkostanzi ohra u ghalhekk din il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' li taccettahom. Wara li imbaghad ikkonsidra l-fatti kollha li kienu jikkonsistu mhux biss fis-servigi rezi izda wkoll f'xi beneficcji li l-attur kien ha matul il-hajja ta' Carmelo Cassar finalment il-Perit Legali wasal biex illikwida ammont ta' servigi ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm322) ghall-ewwel perjodu u sitt mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm622) ghat-tieni perjodu, fejn l-entita' tas-servigi zdiedu billi l-attur kien iwassal lill-mejjet u lill-hbiebu bil-karozza (u dan minkejja li kien juzaha wkoll ghall-bzonnijiet personali tieghu).

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok u qabel kollox il-Qorti taqbel perfettament ma' l-apprezzament maghmul mill-Perit Legali li dak li gara wara l-mewt ta' Carmelo Cassar u x'kawzi seta' kien hemm bejn l-attur u l-eredi tieghu kienu assolutament irrilevanti ghall-fini tal-kawza prezenti li kellha tkun immarata biss biex jigi

stabbilit jekk huwiex dovut kumpens ghas-servigi li l-attur kien ippresta favur Carmelo Cassar tul il-hajja tieghu.

Ikkunsidrat:-

Sorvolat dan il-punt ma jidhirx illi din il-kawza tipprezenta kontestazzjonijiet serji ta' punti ta' ligi. Effettivament mhuwiex ikkontestat illi l-attur fil-fatt ippresta servigi lill-mejjet. Il-konvenuti pero' jsostnu illi dawn is-servigi kienu ta' entita' zghira hafna u li l-mejjet, tul hajtu, kien ikkompensa adegwatament lill-attur ta' dawn is-servigi. L-attur invece jilmenta fuq l-ammont likwidat peress illi, fil-fehma tieghu, l-ammont likwidat kellu jkun aktar vicin tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) milli d-disa' mija w erbgha w erbghin lira Maltin (Lm944) likwidati.

Il-Qorti kkunsidrat dawn id-diversi fatturi. Il-mejjet ma kienx *bedridden* u kien kapaci prattikament jiehu hsieb lilu nnifsu. Kien jorqod il-Hamrun ghand Duminku Taliana fil-waqt illi kwazi tul il-perjodu kollu in kwistjoni l-attur kien jahdem. (Dan jirrizulta mill-provi kuntrarjament ghal dak sottomess mid-difensur ta' l-attur fit-trattazzjoni finali). Il-perjodu fil-gurnata ghalhekk li fihom kienu qed jigu rezi dawn is-servigi kien

wiehed limitat. Tul dan il-perjodu pero' hemm provi illi l-attur kien inaddaf id-dar tal-mejjet, kien gieli jsajjarlu u gieli jixtrilu l-bzonnijiet tieghu u, wara li nxtrat il-karozza, kien iwassal lill-mejjet il-Hamrun. Huwa minnu wkoll illi l-attur kien ighix kera b'xejn, ma kienx ihallas ghall-ikel u probabbilment lanqas ma kien ihallas ghall-*petrol* tal-karozza meta kien juzaha biex imur ghax-xoghol jew biex johrog biha fil-ghaxija. Mill-banda l-ohra mhux verosimili illi l-attur gie kkumpensat ghas-servigi, kienu li kienu, tul hajjiet il-mejjet. Dan huwa rikonoxxut mill-mejjet stess fl-ewwel testment tieghu u dan l-istat fattwali ma nbidilx bit-tieni testment tenut kont tar-ragunijiet il-ghala sar dan it-tieni testment. Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi l-mejjet wara li rebah il-lotterija ried jikkumpensa lill-attur billi jixtrilu karozza biex ikompli jdur bih pero' wkoll <u>minhabba li kien dar bih.</u> Il-Qorti tifhem illi f'materja bhal dik odjerna huwa difficli li jigu applikati regoli fissi u li kwalunkwe likwidazzjoni ghandha mill-element ta' l-*arbitrio boni viri*. Jidhrilha pero' wkoll li l-ezami maghmul mill-Perit Legali huwa wiehed akkurat u, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jiehu mill-oggettiv sa fejn huwa possibbli f'kawza ta' din in-natura. Il-Qorti ghalhekk ma ssib assolutament xejn biex tikkritikah fil-konkluzzjonijiet tieghu u li kieku li ma rrizultalhiex il-hsieb car tad-*decujus* li jikkumpensa lill-attur bl-ghotja ta' karozza talli dar bih ma

kenitx sejra tiddisturba l-istess konkluzzjonijiet tal-Perit Legali bl-ebda mod. Din l-intenzjoni tad-*decujus*, pero', fil-fehma tal-Qorti taghti aspett ulterjuri tal-kwantifikazzjoni tas-servigi lezi anke mill-ottika ta' l-istess Carmelo Cassar u jwasslu lill-Qorti li *arbitrio boni viri* zzid l-ammont likwidat mill-Perit Legali ghall-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500).

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) ghas-servigi minnu prestati favur il-mejjet Carmelo Cassar.

Fir-rigward ta' l-ispejjes tal-kawza fic-cirkostanzi tal-kaz u konsiderat l-aspettattivi tal-partijiet dawn ghandhom ikunu ssopportati kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti.

Deputat Registratur

rf.